

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Novembru 2014, *Hristov vs Il-Kummissjoni u EMA (F-2/12)*, hija parzjalment annullata, sa fejn annullat id-deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) tas-6 ta' Ottubru 2011, li taħtar id-direttur eżekuttiv tal-EMA.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għall-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Novembru 2014, *Hristov vs Il-Kummissjoni u EMA (F 2/12)* sa fejn annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' April 2011, li kienet tipprovdi li din tal-aħħar kienet tippromponi lill-Bord Amministrattiv tal-EMA lista ta' erba' kandidati rrakkomandati mill-kumitat ta' preselezzjoni u kkonfermati mill-kumitat konsultattiv dwar il-ħatriet.
- 3) Il-kawża hija rrinvjata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sabiex jagħti deċiżjoni dwar it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-EMA tas-6 ta' Ottubru 2011, li taħtar lid-direttur eżekuttiv tal-EMA, fir-rigward tal-ilmenti u motivi invokati minn Emil Hristov u li dwarhom it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma tax deċiżjoni.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

(¹) ĠU C 118, 13.4.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2016 – Monster Energy vs EUIPO – Mad Catz Interactive (MAD CATZ)

(Kawża T-429/15) (¹)

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea MAD CATZ — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 314/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Monster Energy Company (Corona, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Mad Catz Interactive, Inc. (San Diego, California, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-21 ta' Mejju 2015 (Każ R 2176/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Monster Energy Company u Mad Catz Interactive.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Monster Energy Company hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 320, 28.9.2015.